KUNSILL LOKALI IL-ĦAMRUN

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali l-Ħamrun**

**Is-SEBA' LEĠISLATURA**

**Laqgħa B'URĠENZA Numru 43**

Il-Kunsilli Lokali Il-Ħamrun ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Misraħ il-Kunsill, Triq id-Duka t'Edinburgh fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

Christian Sammut – Sindku
Carmen Borg - Kunsillier
Efrem Buttiġieġ – Kunsillier
Jurgen Carl Grixti –Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Vincent Bonello Viċi Sindku
Antonello Cuschieri - Kunsillier
Louise Portelli - Kunsillier

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Karen Camilleri – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**
Is-Sindku Christian Sammut ippresjeda l-laqgħa.

43.1 Proġett Pilota – Impjieg ta' Kenniesa mal-Kunsill Lokali Ħamrun

Is-Sindku fetaħ il-laqgħa billi ta' taqsira tal-laqgħa li l-Kunsill kellu mal-Onorevoli Silvio Parnis flimkien mad-Direttur għad-Dipartiment tal-Gvern Lokali s-Sur Adrian Mifsud. Is-Sindku nfurma li s-Segretarju Parlamentari ppropona li l-Kunsill iniedi Proġett Pilota ta' mpjieg ta' kenniesa direttament mal-Kunsill.

Is-Sindku spjega li sar eżerċizzju fejn jidher li b'4 ħaddiema għandna nkopru l-lokalita' kollha, 6 siegħat kuljum, 6 ijiem fil-ġimgħa u l-ġurnata tal-Ħadd tkun extra.

Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat eżerċizzju finanzjarju fejn jidher li l-ammont mogħti fl-allokazzjoni se jkun qed iservi għall-impjieg ta' dawn l-erba' ħaddiema.

Il-Kunsillier Efrem Buttiġieġ spjega li l-grupp tal-Kunsilliera PN jaqbel ma din l-inizzjattiva għaleix dawn huwa nċentiv li jagħmel ġid għal-lokalita'.

Is-Sindku spjega li b'din l-inizzjattiva l-Kunsill se jkollu aktar kontroll fuq il-ħaddiema fejn kull persuna se tkun assenjata zona tal-lokalita' u f'każ ta' xi nuqqas, il-Kunsill jirreferi direttament għand il-persuna.

Is-Sindku spjega li dawn il-kenniesa se jkun qed jieħdu f'idejhom ir-responsabbiltajiet kollha li bħalissa huma eżistenti fil-Kuntratt tal-Knis, bħal tbattil ta' bins tat-toroq, knis tal-mogħdijiet tal-ġonna, knis waqt l-attivitajiet li jiġu organizzati fil-lokalita' eċċ.

Il-Kunsill qabel unanimament li jkun parti minn dan il-Proġett Pilota.

**43.2 Rapporti ta' Evalwazzjoni - Tenders**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda 2 rapporti ta' Evalwazzjoni għal;

Tender for Legal Consultant u Tender for the Upgrading of Pjazza Kappillan Muscat.

Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat li minħabba diffikultajiet fit-tender, il-bord qed jirrakkomanda li t-tender tal-Legal Consultant tiġi kkanċellata u terġa' tinħareġ mill-ġdid.

Il-Kunsill laqa' din ir-rakkomandazzjoni u approva r-rapport.

Is-Segretajru Eżekuttiv spjegat li kien hemm żewġ offerti, fejn l-orħos offerent huwa Eleġibbli u Compliant mar-rekwiżiti mitluba, għaldaqstant il-Bord tal-Evalwazzjoni qed jirrakkomanda li t-tender for the upgrading of Pjazza Kappillan Muscat tingħata lill-orħos offerent.

Il-Kunsill laqa' din ir-rakkomandazzjoni u approva r-rapport.

**43.3 Għeluq tal-Uffiċċju tal-Kunsill is-Sibtjiet 23 u 30 ta' Diċembru 2017**

Il-Kunsill approva li l-uffiċċji tal-Kunsill jinżammu magħluqa s-Sibt 23 ta' Diċembru u s-Sibt 30 ta' Diċembru 2017.

**43.4 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti**

Is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda Skeda ta' Ħlasijiet Nru 34.

L-iSkeda ta' Ħlasijiet ġiet approvata unanimament.

**41.12 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

Il-laqgħa intemmet fis-7.30p.m. u ġiet aġġornata għat-Tlieta 9 ta' Jannar 2018 fil-5.30p.m.

Konfermati, illum, ***it-Tlieta, 9 ta' Jannar 2018***

*Iffirmata*
Christian Sammut
Sindku

*Iffirmata*
Karen Camilleri
Segretarju Eżekuttiv